**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 494 / 2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs.**

**Lowel Fenech**

Illum, 5 ta' April 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Lowel Fenech, iben Alfred u Dorothy nee` Risso, imwieled il-Pieta' nhar l-14 ta' Jannar 1986, u residenti ġewwa Alfred Buildings, Flat 2, Triq Sant Anġlu, Sliema u detentur tal-karta tal-identita` numru 76386 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fix-xahar ta' Lulju 2017 u fix-xhur u/jew sena ta' qabel, ġewwa Alfred Buildings, Triq Sant' Anglu Sliema:

1. Ġiegħel annimal (kelb) isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u talli abbanduna l-istess annimal (kelb) u dan bi ksur tal-artikolu 8(2) tal-Kap 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Ma trattax xieraq animal (kelb) meta zamm animal (kelb) jew qabel li jzomm animal (kelb) meta kien jaf li hu responsabbli ghat-trattament xieraq tieghu u dan bi ksur tal-artikolu Art 8(3) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Ma ħax dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżgura li l-ħtiġijiet ta` annimal (kelb) li huwa reponsabbli għalih, jew qabel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieg bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-kelb u dan bi ksur tal-artikolu 8 (4) tal-Kap 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Dicembru, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 8 (2), (3) (4) u 45 (1) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Lowel Fenech ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u kkundannatu għal tmintax-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta gew sospizi ghal tlett (3) snin mil-lum u multa kumplessiva ta' għaxart elf Ewro (€10,000) pagabbli fi żmien tlett snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre` ai termini tar-Regolament 5 (9) tar-Regoli dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb, (L.S. 437. 101), l-imputat qed jiġi projbit milli jkollu jew irrabi kelb jew milli japplika għal xi liċenzja oħra ta' kelb għal żmien ħmistax-il sena (15) sena mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Lowell Fenech minnhu pprezentat fit-30 ta' Dicembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull ħtija u

piena u okkorendo jekk ikun il-każ, subordinatament tipprovdi għall-piena aktar mita u idoneja.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**L-Ewwel Aggravju**

Illi fl-ewwel lok l-appellant isostni illi l-prosekuzzjoni naqset milli ġġib l-aqwa prova dwar ir-reġistrazzjoni tal-kelb mertu ta' dawn il-proċeduri, liema reġistrazzjoni hija Leġislazzjoni Sussidjarja 437. 101;

Illi bħala stat ta' fatt jirriżulta illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi lid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji sabiex jippreżenta estratt mid-database nazzjonali indikata fl-artikolu 5(5) tal-L.S. 437.101 u dan mhux sabiex jiġi pruvat biss min kien is-sid tal-kelb in kwistjoni, iżda wkoll sabiex jiġi żgurat, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, li l-kelb li jirreferu għalih xi xhieda tal-prosekuzzjoni f'dawn il-proċeduri, f'ċertu istanzi anki bin-numru tal-microchip, huwa fil-fatt l-istess kelb mertu ta' dawn il-proċeduri;

Illi dawn huma proċeduri penali li jġorru pieni ħorox ta' priġunerija. Il-prinċipju li l-prosekuzzjoni hija obbligata ġġib l-aqwa prova huwa aktar u aktar applikabbli fid-dawl tas-serjeta' ta' dawn ir-reati;

Illi l-Ewwel Qorti kienet skoretta fil-mod kif indirizzat din l-eċċezzjoni ġia sollevata mid-difiża u dan billi rreferiet għat-tifsira tal-kelma "detentur" li tinstab fl-Artikolu 2 tal-L.S. 437.101;

Illi jekk wieħed iħares lejn il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jsib li hija ressqet is-segwenti xhieda:

(i) A fol 19 insibu li fil-31 t'Awwissu, 2016 saret spezzjoni fil-fond u fl-Animal Welfare Inspection Report tniżżel li "animal owner / site owner" huwa Lowell Fenech (ID: 76386 M).

(ii) A fol 22 insibu li saret spezzjoni fit-3 ta' Settembru, 2016 u fir-rapport tissemma l-microchip number tal-kelb in kwistjoni iżda r-rapport jgħid li "dog found to be healthy"

(iii) A fol 26 imbagħad insibu li saret spezzjoni fis-7 ta' Settembru 2016 u l-kelb saħansitra ma ssirx referenza għalih.

(iv) A fol 28 insibu rapport dwar spezzjoni li saret fit-28 ta' Settembru, 2016 fejn instab li l-kelb kien ġewwa.

(v) A fol 29 insibu rapport dwar spezzjoni li saret fis-6 ta' Novembru, 2016 u l-kelb ma ġiex identifikat.

Illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata, mhux għax teżisti xi kwisjtoni dwar jekk l-appellant kienx is-sid jew detentur tal-kelb, iżda f'dawn il-proċeduri kriminali kellha tinġieb l-aqwa prova li l-kelb mertu ta' dawn il-proċecuri kien fil-fatt l-istess kelb li jirreferu għalih ix-xhieda tal-prosekuzzjoni fir-rapporti tagħhom;

Illi il-prova tar-reġistrazzjoni tal-kelb hija prova "reġina" li l-prosekuzzjoni għażlet li ma ġġibx u li għaldaqstant issarraf f'dubbju raġonevoli li ċertament għandu jimmilita favur l-appellant ġia akkużat f'dawn il-proċeduri.

**It-Tieni Aggravju**

Illi x-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni inkluż Dr. Luke Vella Verzin, li kien l-uniku veterinarju li xehed f'dawn il-proċeduri huma xhieda li ma ġewx nominati mill-Qorti bħala esperti tagħha;

Illi l-appellant jissottometti illi l-Ewwel Qorti kellha tiskarta ghal kollox kull opinjoni moghtija minn dan ix-xhieda, kemm permezz tax-xhieda *viva voce* kif ukoll permezz ta' kwalunkwe dokument u dana stante illi dawn il-persuni ma jikkwalifikawx bhala Periti appuntati mill-Qorti ai termini tal-Artikolu 650 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi rigward il-periti mhux inkarigat mill-Qorti u cioe' xhieda *ex parte*, l-gurisprudenza taghna hija kopjuża fis-sens illi l-Qorti għandha *da sua sponte* tiskarta kwalunkwe opinjoni moghtija minn xhud li ma jkunx ġie investit bħala Perit tal-Qorti kif fuq indikat;

Illi f'dan ir-rigward ssir referenza għal diversri sentenzi fosthom **<u>P vs Nazzareno Zarb u Melchior Spiteri</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Dicembru, 1998, **<u>P vs Allen Debono et</u>** u anki digrieti kamerali bħal dak fil-każ **<u>Il-Pulizija vs Nutar Antoine Agius</u>** (deċiża mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli).

Illi minn qari tas-sentenza tal-Ewwel Qorti huwa evidenti li l-Ewwel Qorti ma skartax l-opinjonijiet tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, anzi ibbażat id-deċiżjoni tagħha mhux biss fuq il-fatti kostatati iżda wkoll fuq il-fehma tax-xhieda dwar kif kellu jinżamm il-kelb;

Illi bir-rispett dovut, kellu jkun espert nominat mill-Qorti kif trid il-Liġi, li kellu jikkostata dwar kif se mai kellu jinżamm dan il-kelb u dwar jekk il-fatti indikati mix-xhieda tal-prosekuzzjoni kienux jammontaw għal ksur ta' xi wieħed mit-tlett reati li bihom ġie akkużat l-appellant;

Illi is-suġġett taż-żamma tal-annimali u x'jikkwalifka bħala moħqrija ċertament m'huwiex suġġett faċli u aktarx iva milli le jkun jeħtieġ intervent ta' espert sabiex il-Qorti (li diffiċli tkun esperta hi stess dwar suġġett daqstant tekniku) jkollha l-komfort ta' opinjoni ta' perit jew espert li dak li qed tallega l-prosekuzzjoni dwar l-appellanti fil-fatt huwa minnu;

Illi l-prosekuzzjoni ma talbitx li jinħatar espert jew li l-Qorti tagħmel xi xhud espert tagħha. Dan ifisser li kull opinjoni espressa minn xi xhud f'dawn il-proċeduri għandha titqies prova inammissibli u għandha tiġi skartatha.

Illi mbagħad wieħed ma jistax ma jistaqsix kif l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjonijiet tagħha jekk ma straħitx fuq l-opinjonijiet espressi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni? Issir referenza partikolari għal dak li xehed Dr Luke Vella Verzin dwar kif din ir-razza kellha tinżamm fil-fehma tiegħu? Setgħet lil hinn minn kull dubbju dettats mir-raġuni l-Ewwel Qorti tasal għal konkluzjonijiet li waslet għalihom jekk l-opinjonijiet espressi f'dawn il-proċeduri jiġu skartati kollha? L-apppellant isostni li le u għaldaqstant qed isir dan l-aggravju;

**It-Tielet Aggravju**

Illi fit-tielet lok, u dan ukoll b'kontinwazzjoni ma dak li ingħad fit-tieni aggravju, l-appellant isostni li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament manifestament ħażin tal-fatti li kellha quddiemha u li wassal għall-konlużjoni li ma kienetx waħda li titqies *safe and satisfactory*.

Illi l-appellant huwa konsapevoli mill-fatt li, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t'apprezzament tal-fatti;

Illi madanakollu, huwa wkoll pależi li l-Qorti tal-Appell għandha s-setgha li tagħmel ezami approfondit tal-istess fatti biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setgħetx tasal ghaliha fuq bazi ta' liġi w ta' raġjonevolezza. Fi kliem ieħor il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tara jekk il-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti kienetx waħda "*safe and satisfactory*" fid-dawl tar-riżultanzi;

Illi fil-kawża fl-ismijiet '**Pulizija vs Giovanni sive John Micallef'** deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali hekk kif diversament preseduta nhar it-18 ta' Marzu, 2010, il-Qorti irriteniet illi jekk: *"din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura* ***din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni*** *(ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." [12.5.94;* ***"ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi****" [14.2.1989]; "****il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace****" [31.5.1991] ; "***Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** *[31.5.1991] u ohrajn"*;

Illi f'dan ir-rigward, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-appellant jemmen li l-Ewwel Qorti ma setgħetx issib ħtija ghall-akkuzi addebitati lilu b'mod li raġonevolment jista' jitqies bħala '*a safe and satisfactory conclusion*';

Illi minn eżami tal-provi prodotti, partikolarment dawk dokumentarji, li jagħtu stampa aktar friska u x'aktarx aktar preċiża u veritiera tal-fatti kif ġraw, ma jirriżultawx l-estremitajiet kontemplati fil-Liġi, partikolarment dawk indikati fl-Artikolu 8 tal-Kap 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-Ewwel Qorti kellu jkollha l-konviċiment morali li dak li ġie akkużat bih l-appellant ġia akkużat kien fil-veru u l-appellant jemmen li mill-atti dak il-konvićment morali ma setgħa qatt jeżisti minħabba l-fatt li x-xhieda tal-

prosekuzzjoni stess tagħti stampa pjuttost imħawwda taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ;

Illi hija sfortuna kbira, li għal darb'oħra għandna każ ieħor fejn għax xi ħadd itella' post fuq il-meżżi tal-medja soċjali, jinbet żelu, probabbli spint minn biża tal-opinjoni pubblika, biex persuna li naddebitawla l-massimu ta' dak li għandu jiġi addebitat lilha;

Illi l-appellant jagħmilha ċara li dan in-nuqqas m'huwiex nuqqas tal-Ewwel Qorti iżda huwa nuqqas tal-prosekuzzjoni, li donnu l-aġena tagħha jiddettaħħielha l-facebook hu mhux dak li hu ġust u sewwa;

Illi dan il-punt ser jiġi approfondit aktar fid-dettal fis-sottomissjonijiet orali.

**Ir-Raba' Aggravju**

Illi mingħajr preġudizzju għat-tlett aggravji preċedenti, l-esponenti jħoss li l-piena inflitta fuqu hija waħda ħarxa iżżejjed tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ;

Illi għalkemm huwa minnu li l-piena hija waħda fil-parametri tal-Liġi, l-esponeti jemmen li l-piena kellha tkun waħda aktar mita u idonea.

**Ikkunsidrat,**

Illi fit-tielet aggravju l-appellant isostni li l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tel-fatti. Din il-Qorti thoss li tali agggravju ghandu jigi trattat fl-ewwel lok. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs William</u>**

**Mifsud** [1] *"din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet".* Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[2] intqal:-

Kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha.

> *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li*

---

[1] Deciza fid-29 ta' Settembru 2020 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

[2] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; **u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.
Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :
Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza** minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbe**d deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, **ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r**-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

*kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xhieda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha[3].

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux

[3] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża

għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

Dawn il-provi pero' jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

Din il-Qorti ghalhekk trid terga tezamina x-xhieda kollha li nstemghet biex tara jekk il-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti kienx wiehed *safe u satisfactory* kif rilevat mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu.

Nhar l-14 ta' Diċembru 2017 xehed l-**Ispettur Jonathan Ransley** u spjega li nhar it-8 ta' Awwissu 2017 il-pulizija tad-distrett ta' tas-Sliema rcieva kwerela mid-

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib,** 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino,** 7 ta' Marzu 2000**, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et,** 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit,** 31 ta' Mejju 1991

Direttur tat-trattament xieraq ghall-annimali biex jittiehdu passsi fil-konfront ta' l-akkuzat fir-rigward ta' ghadd mhux xieraq ta' annimali. Anness ma dan ir-rapport kien hemm rapport ta' Joseph Cassar u Fiorita Sammut li huma Animal Welfare Officers. Dawn allegatament kienu ghamlu diversi spezzjonijiet f'F'Alfred Buildings, St. Angelo Street, Sliema.

Ir-rapport kien jirrigwarda kelb Alaskan Malamute illi fil-fehma taghhom kien maltrattat u ma kienx qed ikun mizmum fil-kondizzjonijiet proprji tieghu. Skond ir-rapport saru diversi spezzjonijiet fil-3 ta' Settembru, 2016 ghall-habta ta' 2.50 p.m. fejn il-kelb kien jinsab b'sahtu pero' x-xelter li kien suppost qed jinzamm fih kien ghadu taht kostruzzjon. Il-bowl tal-ilma tieghu kienet vojta u l-bejt fejn kienet tinzamm kien hemm il-hmieg tal-kelb stess. Saret spezzjoni ohra fis-7 ta' Settembru 2016 fejn iltaqghu ma Lowel Fenech u infurmawh biex ix-shelter ikun aktar adegwat u ovvjament jizbarazza l-kamra u jipprovdi ilma lill-kelb u biex inaddaf il-bejt. Saret spezzjoni ohra nhar it-28 ta' Settembru, 2016 ghall-habta tal-4.00 p.m. fejn il-kelb kien qieghed fir-residenza 2, Alfred Buildings proprjeta tal-akkuzat u dakinhar l-akkuzat qal li l-kelb jitla fuq il-bejt biex jaghmel il-bzonnijiet tieghu. Fis-6 ta' Novembru 2016 fit-8.30 a.m. saret spezzjoni ohra minn bini ma genb Alfred Buildings fejn l-istess kelb kien qieghed jinzamm fil-kamra, fil-washroom li ghadha taht kostruzzjoni.

Fl-ahhar gimghat ta' Lulju tas-sena 2017 kien hemm video li mar viral fuq facebook fejn kien juri dan il-kelb, l-Alaskan Malamute li hu l-istess kelb in desamina fejn dan il-kelb kien waqa' minn blokka ghall-isfel. Fis-16 ta' Awwissu 2017 kien talab arrest warrant li kien gie akkordat mill-Magistrat Josette Demicoli. Fil-21 ta' Awwissu 2017 l-akkuzat mar l-ufficcju tieghu u kien gie nterrogat pero' qabel l-interrogazzjoni kien ikkonsulta ma Dr. Chircop tal-Ghajnuna Legali minhabba l-fatt li huwa pprova jaqbad lil PL. Vassallo pero ma setghax jaqbdu.

L-akkuzat wiegeb ghad-domandi li gie mistoqsi izda imbghad f'nofs l-istatement iddecieda li ma jwegibx iktar. Hu kien jidher li kien jaf il-kundizzjonijiet li fih suppost jinzamm il-kelb Alaskan Malamute ghax fil-fatt, mir-ricerka li ghamel, irrizulta li l-kelb irid jinzamm f'ambjent frisk u jitla biss fuq il-bejt f'dal-kaz biex jaghmel il-bzonnijiet tieghu minhabba li hu *double coated*. Fil-fatt hu kien jaf dan meta gie mistoqsi. Anke qallu li l-kelb ghandu dieta bilancjata u li jrid ikollu air condition fl-ambjent tieghu. Irid ikun groomjat regolarment pero hu qal li l-kelb tieghu jippreferi joqghod fuq il-bejt milli f'ambjent tal-air condition. Dakinhar stess ix-xhud mar fir-residenza tieghu flimkien ma PC 1398 ghall-habta tal-4.00 p.m. fejn seta jara li kien hemm kennel tal-injam li minkejja li kienu l-4.00 p.m. tlett kwarti mill-kennel kienet ghadha fix-xemx u bix-xemx dirett fuqha. Il-washroom kienet ghadha taht kostruzzjoni. Il-bejt kien mimli hmieg u seta jinnota li kien hemm diversi grif mal-hajt.

Illi nhar l-14 ta' Dicembru 2017 xehed **Animal Welfare Officer Joseph Cassar** u stqarr li kien membru fil-korp tal-pulizija fil-passat. Qal li fis-6 ta' Lulju 2016 kien dahal rapport li hemm kelb fuq il-bejt fix-xemx li qed ikun fil-hmieg u li dan il-kelb qed ikun hafna wahdu. Fil-31 ta' Awwissu 2016 mar biex jghamel spezzjoni f'Alfred Buidlings, Triq Sant Angelo Sliema, pero ma kien hemm hadd id-dar. Marru l-ghassa biex jipprovaw igibu xi dettalji ta' min joqghod hemm pero ma rnexxilhomx.

Fit-3 ta' Settembru, 2016 regghu pprovaw marru ihabtu u fethulhom u staqsewhom dwar il-kelb. Qalu lil min fetah dwar il-kwerela li kienu ircevew u flimkien telghu fuq il-bejt. Fuq il-bejt sabu dan il-kelb tar-razza Alaskan Malamute li huma klieb tas-silg. Il-bejt kien mahmug, ilma ma kellu kwazi xejn u meta spezzjonaw l-kamra din imsejha washroom kellha bieb ta' hames piedi wiesgha. Il-kamra kienet kolha mimlija gebel u mbarazz tal-kostruzzjoni fejn kienet ta' perikolu ghall-kelb. L-uniku kennel tal-plastic li kien hemm kienet

zghira u mhux adegwata ghal dan il-kelb ghal qis tieghu. Huwa pprezenta ir-rapport tieghu li gie markat bhala dok JC1.

Huma gabru l-kelb li kien iccipjat u mid-data li ghandhom il-micro chipping saru jafu minn hu s-sid u cioe l-akkuzat odjern. Dana gie kkuntattjat u ghamlu arrangamenti ghas-7 ta' Settembru, 2016 li kienu ser jghamlu spezzjoni ohra fil-presenza tieghu.

Meta marru fis-7 ta' Settembru, 2016 il-bejt kien nadif u qalulu biex ihalli iktar ilma u biex jghamel bieb fl-imsejha washroom biex kemm ix-xemx u x-xita ma tilhaqx il-kelb. Fit-28 ta' Setttembru, 2016 ghamlu *follow up* fejn l-akkuzat qalilhom li l-kelb qed jinzamm fil-flat u kull ma kien jitla biex jghamel il-bzonnijiet tieghu.

Fit-2 ta' Novembru 2016 dahal rapport iehor fejn qalulhom li l-kelb qed jerga ikun fuq il-bejt wahdu. Huma ghamlu l-arrangamenti ma min kien ghamel dan ir-rapport u marru minn bini oppost u hadu xi ritratti fejn il-kelb vera kien jidher li qed fuq il-bejt il-bieb tal-Alfred Buildings li kien meta telghu huma u kollox kien ghadu l-istess. Jghid li huma dahlu ghaliex kienu fethulhom ir-residenti tal-flat ta' taht. Imbaghad fit-18 ta' Novembru 2016 kien dahal rapport iehor fejn qalu li l-kelb kien gurnata kollha fix-xita u qalu li l-kelb qieghed fix-xita. Cempel lill-akkuzat u spjegalu biex ma jhallix il-kelb fix-xita. L-akkuzat qallu li l-kelb qieghed tajjeb ghandu xelter u qallu li ma setax jghalaq il-washroom ghax dik tappartjeni lil huh. Qal li fil-fehma tieghu l-washroom li ghalih kien shelter kien qieghed tajjeb. Fl-ahhar spezzjoni li ghamlu kollox baqa' l-istess, kif jidher fir-ritratt u cioe mimlija pajpijiet u gebel.

Il-Qorti rat ir-ritratti esebiti u annessi mar-rapport markat bhala dok JC1 u jidher li in effetti, il-bejt kien mahmug bil-bzonnijiet tal-kelb, li kien hemm

hafna imbarazz konsistenti *f'construction waste* u pajpijiet. Irrizulta ukoll li l-washoom kienet miftuha ghall-elementi kollha.

Illi nhar l-14 ta' Dicembru 2017 xehdet **Fiorita Sammut** u spjegat li ircevew rapport illi hemm kelb Alaskan Malamute li kien qed jinzamm fuq il-bejt bla xelter. Fil-31 ta' Awwissu 2016 tghid li maru jghamlu spezzjoni izda ma kien hemm hadd id-dar. Ghalhekk regghu marru fit-3 ta' Settembru 2016. Tghid li dakinhar xi hadd mir-residenti tal-blokka fethulhom peress li kellhom access ghal fuq il-bejt. Tghid li bhala xelter kien hemm washroom u din il-washroom lanqas faccata m'ghandha voldieri x-xemx u xita jilhqu l-kelb xorta. Qalet lis-sid biex jirranga l-post. Tghid li min fethilhom ma kienx sid il-kelb. Spjegat li l-kelb kien iccipjat u ghalhekk setghu jaraw minn kien sid il-kelb. Fis-7 ta' Settembru 2016 ghamlu appuntament ma sid il-kelb u marru jiltaqghu mieghu izda kien lahaq naddaf il-bejt u qalulu biex jirranga l-kamra u cioe li jghamel lqugh fil-kamra tal-bejt. Il-kamra ma kellhiex faccata u kienet mimlija debris li mhux tajjeb ghal kelb. Qalet li kien hemm kennel zghira li l-kelb ma jidholx fiha u mhux tajba ghalih. Qalilha li kien xtara l-kennel meta l-kelb kien ghadu puppy. Fit-28 ta' Settembru 2016 regghet marret tkelmu u marret taghmel spezzjoni ohra u dakinhar l-akkuzat qallha li l-kelb kien qed jinzamm gewwa u li m'ghadux ihalih jitla fuq il-bejt salv biex jghamel il-bzonnijiet tieghu. Pero' imbghad fit-2 ta' Novembru 2016 regghu ircevew rapport iehor. Fis-6 ta' Novembru ghamlu spezzjoni ohra u hadu xi ritratti minn residenza opposta biex ikunu jistghu jaraw il-kelb u dan kien fuq il-bejt u jidher li ma kienx ta kaz dak li kienu qalulu. Fit-18 ta' Novembru 2016 regghu kelmu lill-akkuzat. Fil-presenza taghha l-akkuzat qal lil Joseph Cassar li l-kelb qed izommu gewwa u li ma setax jghamel biex ghall-kamra ghax ma kienitx tieghu.Tghid li fl-ebda hin qabel ma qalilhom li l-kamra ma kienitx tieghu. Il-bieb mill-komun ghal washroom kien maghluq kull meta ghamlu spezzjoni fil-post kif muri fir-ritratt esebit mar-rapport JC1.

Nhar l-1 ta' Frar 2018 xehed **PC 1398 John Spiteri** u spjega l-involviment tieghu f'dan il-kaz. Qal li dakinhar assista lill-Ispettur Ransley fir-residenza tal-akkuzat u dan kien fil-21 ta' Awwissu 2016 ghall-haba tal-4.00 p.m. Qal li telghu fuq biex jaraw fejn kien qed jinzamm il-kelb. Qal li minnufih innota li kien hemm hafna hmieg tal-kelb fuq il-bejt. Kien hemm ukoll kennel li kienet imdawra b'fence tal-injam izda man-naha tal-opramorta kien hemm fence naqra iktar gholi. Fuq il-bejt kien hemm hafna xemx u kien hemm hafna grif mal-opramorta fuq in-naha ta' gewwa tal-hajt. Il-washroom kienet ghadha miftuha imsaqfa u kien hemm certu ammont ta' torba u affarijiet ohra u jekk il-kelba toqghod hemm gew, tkun esposta ghall-elementi kollha. Dakinhar meta mar, il-kelba ma kienitx hemm.

**Dr. Luke Vella Verzin** xehed nhar it-22 ta' Frar 2018 u spjega li huwa jahdem bhala veterinarju mal-Animal Welfare. Spjega li l-kelb Alaskan Malamute huwa kelb li jahdem fis-silg u dan il-kelb kien qieghed fuq bejt fl-gheqqel tas-sajf. Qal li fis-sajf, kelb bhal dan ghandu ikollu l-fakolta li joqghod f'post li huwa room temperature. Huwa ma rax dan il-kelb ghalkemm gie muri r-ritratti. Qatt ma ezamina l-kelb mertu tal-kawza.

Rat il-verbal tal-Qorti datat 6 ta' Novembru 2020 a fol 64 fejn wara li l-Ispettur Elton Taliana esebixxa sett ritratti d-difiza ezentat il-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq lill-Ispettur Ransley jikkonferma li r-ritratti gew mehuda minnu. Dawn ir-ritratti gew markati bhala dok ET2.

Rat ir-ritratti esebiti a fol. 67 mid-difiza.

L-appellant **Lowel Fenech** ma xehdx pero irrilaxxja stqarrija nhar il-21 ta' Awwissu 2017 u stqarr li ghandu kelb tar-razza Alaskan Malamute u li kienet ilha ghandu sentejn. Mistoqsi x'sar minnha l-kelb jghid li kien hadha ghand il-biccerija biex jaharquha. Qal li huwa kien xoghol jum il-Hadd xi gimghatejn

qabel ma rrilaxja l-istqarrija tieghu u l-mara cemplitlu u qaltlu li kienet tielgha mill-bahar bit-tifla u rat il-kelba ma l-art . Skond ohtu ghax ratha din telghet fuq ic-cint u ghelbitha rasha ghall-isfel. Mistoqsi x'inhuma l-kundizzjonijiet biex izzomm kelb bhal dan jghid li hemm hafna fosthom il-kelb irid jinzam f'post bl-air conditon, jiekol bil-qies, jigi brushed kuljum u li jkollu spazzju. Qal li kien jaf b'dawn il-kundizzjonijiet qabel ma gabha d-dar. Mistoqsi jekk kellux xi spezzjonijiet mill-Animal Welfare jghid li kellu u qalulu biex jghamel kamra ghal kelba u hekk ghamel. Qal li kien izomm il-kelba fuq il-bejt u isfel mieghu tant li kien ghamel grada u kien izomm il-bieb tal-bejt miftuh. B'hekk ma kienitx tmur fil-komun. Qal li jaf li l-washroom ma kienitx fi stat tajjeb ghaliex kienet ghadha mhux lesta. Qal li pero kien bena kamra ghal kelb kif qalulu l-Animal Welfare.  Mistoqsi domandi ohra ghazel li ma jwegibx kif kellu kull dritt jghamel.

Illi jirrizulta minn qari tas-sentenza li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tat-tlett akkuzi u kkundannatu ghal piena ta' tmintax il-xahar prigunerija  sospiza ghal tlett snin u multa ta' ghaxart elef euro (€10,000) pagabbli fi zmien tlett snin apparti li ordnat li gie projbit milli jrabbi jew ikollu kelb jew li japplika ghal licenzja ghaz-zamma ta' kelb ghal zmien hmistax-il sena.

Illi d-difiza fl-aggravju taghha tghid li ma hemmx prova li l-kelb in kwistjoni muri fir-ritratti hu l-istess kelb proprjeta tal-appellant. Dwar dan pero din il-Qorti ma taqbilx u dan ghaliex l-appellant spjega fuq il-kelb tieghu tal-ghamla Alaskan Malamute. Jghid ukoll li kien izomm dan il-kelb fid-dar tieghu u fuq il-bejt. Jirrizulta li huwa jghix fil-fond Alfred Buildings, Flat 2, Triq St. Angelo Sliema u cioe fl-istess fond fejn saru l-ispezzjonijiet. Ili l-Animal Welfare officers jixhdu dwar kelb li nstab propju f'dan l-indirizz u li huwa ta' l-istess razza. Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-kelb gie identifikat li kien l-istess wiehed li kien jinzamm fuq il-bejt imdawwar bil-hmieg tal-kelb u imbarazz konsistenti

f'pajpijiet u torba. Li nzamm minghajr shelter u dan ghaliex il-kamra tal-bejt kellha l-faccata taghha miftuha ghall-elementi kollha.

L-appellant jghid li x-xhieda ta' Dr. Luke Vella Verzin m'ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni u ghandha tigi skartata. Dwar dan, din il-Qorti taqbel mal-appellant u dan ghaliex dan ix-xhud ma kienx appuntat mill-Qorti u ghalhekk ma hux xhud espert izda xhud ordinarju tal-prosekuzzjoni li setgha jixhed biss fuq dak li ra b'ghajnejgh jew li mess b'idu. L-opinjonijiet tieghu ghalkemm jistghu talvolta ikunu siewja f'dan il-kaz ma ghandhomx post.

Cio nonostante pero' jibqa l-fatt li verament il-kelba ma kienx qed jigi mizmum f'kundizzjonijiet tajba tant li gieli thalla bla ilma, thalla fuq il-bejt fl-ghar xhur tas-sajf meta ikun hemm hafna shana, thalla imdawwar bil-hmieg tieghu stess u bla ebda post ta' kenn. Dan mhux accettabbli molto piu meta tqis li l-appellant jghid hu stess kif ghandhom ikun il-kundizzjonijiet taz-zamma ta' kelb ta' din ir-razza. Jirrizulta ukoll mix-xhieda ta' Joseph Cassar u Fiorita Sammut li l-appellant gie mitlub jirrimedja s-sitwazzjoni f'diversi okkazjonijiet pero cio nonostane l-appellant ghazel illi jinjora r-rakomandazzjonijiet li saru lilu.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel ma l-ewwel Qorti li l-akkuzi tal-prosekuzzjoni gew provati b'mod sodisfacenti u li waslet ghal gudizzju taghha li hu wiehed safe u satisfactory.

Dwar il-piena l-appellant jinterponi umli appell ukoll u jghid li l-piena moghtija mill-ewwel wahda hija eccessiva u mhux sproporzjonata ghal dak li ghamel l-appellant.

Illi skond l-artikolu 45 (1) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta Malta:-

> *"Any person who acts in violation of this Act or inbreach of regulations made thereunder shall:(a) on first conviction, be liable to a fine (multa) of*

*notless than two thousand euro (€2,000) but not exceeding sixty five thousand euro (€65,000) or to a term of imprisonment for a period not exceeding three (3) years or to both such fine and imprisonment"*

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-piena imposta mill-ewwel Qorti verament kienet wahda eccessiva. Din il-Qorti ghalhekk filwaqt li qeghda tikkonferma s-sentenza fil-mertu, qeghda tirrevokaha fir-rigward tal-piena imposta u qeghda tikkundanna lill-appellant ihallas multa ta' elfejn u hames mitt ewro (€2500), liema multa ghandha tithallas fi zmien sitt xhur millum, altrimenti tigi konvertita f'terminu ta' detenzjoni skond il-ligi.

Tordna ukoll ai termini tar-regolamenti 5(9) tar-regoli wara l-identifikazzjoni elettronika tal-klieb (LS 437.101) li l-imputat jigi projbit milli jkollu jew irabbi kelb jew li japplika ghal xi licenzja ohra ta' kelb ghal zmien hames snin millum.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur